**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 37**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 30 ta’ Novembru 2021, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali upermezz ta’ *video conferencing*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier *(online)*
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**37.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

**37.1.1 Approvazzjoni ta' Minuti Nru 36**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 36, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 36 ġew approvati b'mod unanimu.

**372 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2021.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa dwar l-ispejjeż relatati mal-letrina ta' Triq San Bartolomew. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li matul dawn l-aħħar ġimgħa din il-letrina reġgħet kienet fil-mira ta' atti vandali. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento kkonferma dan u qal ukoll u żdiedu s-security cameras, għaliex ma jistax ikun li l-Kunsill jibqa jsofri minn dawn l-atti.

**Il- Kunsillier Carmel Cuschieri** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier George Muscat** issekonda**.**

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet

**37.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**37.3.1** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li bil-liġi l-Kunsill għandu jkollu Deputat Segretarju Eżekuttiv, għaldaqstant innomina lis-Sur Charles Attard, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali B'Kara bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk is-Sur Attard aċċettax din in-nomina. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun qed isir kuntatt mas-Sur Attard. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tingħata l-kuntatt tas-Sur Attard sabiex ikun possibli li tinbeda l-proċedura għal din il-ħatra.

**37.4 Mozzjonijiet**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento talab lill-membri sabiex japprovaw li jressaq għad-diskussjoni erba' mozzjonijiet, minkejja l-fatt li ma kienux imniżżlin fl-Aġenda.

Il-Kunsill approva li jiġu mressqa dawn il-mozzjonijiet

**37.4.1 Mozzjoni Nru 94 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Billi peress li l-pandemija halliet impatt negattiv fuq l-għaqdiet tal-Baned tagħna, b'dan pero' xorta waħda l-għaqdiet komplew bil-ħidma tagħhom b'mod speċjali mill-akkedemji mużikali tagħhom b'mod online ukoll, u dan bir-riżultat illi baqgħu joffru u jagħtu s-servizzi tagħhom b'mod differenti.

Għalhekk l-għaqdiet waslu għal ftehim bejniethom it-tlieta li huma, u dan sabiex il-Kunsill Lokali joħrog is-somma ta' elf Euro (EUR 1,000) għal kull għaqda bħala kumpens għall-iskejjel tal-mużika rispettivi tagħhom, liema pagament lil kull għaqda għandu jgħaddi sal-aħħar jum ta' Ġunju elfejn u tnejn u għoxrin.

Għal dan il-għan qed jiġi hawn anness u mmakrat document "A" kopja tal-ftehim milħuq u ffirmat bejn it-tlett Każini tal-Banda ta' Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni. **Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.**

**37.4.2 Mozzjoni Nru 95 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Peress illi l-passaġġ li Triq San Pietru kif ukoll il-pjazzetta ta' fejn hemm l-iStatwa tax-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju, kienet saret kollha kemm hi bil-konkos.

Illi għalkemm kien sar proġett sabiħ ħafna, qed jikkawża diversi inċidenti u anke nies jaqgħu u jiżolqu kif ukoll vetturi li jiskidjaw u dan minkejja li jkun għaddejjin b'veloċita minima.

Għalhekk kif diġa kien ġie approvat qabel, qed jiġi hawn anness u mmarkat dokument "A" l-istima tal-Perit tal-Kunsill, u dan sabiex jinbeda x-xogħol ta' tranġar f'din il-pjazzetta u f'din it-triq, bir-riżultat li tkun ħafna aktar sigura għar-residenti u għall-familji tagħna, b'nefqa ta' ċirka ħamsa u għoxrin elf Euro (EUR 25,000).

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata.**

**37.4.5 Mozzjoni nru 96 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Peress illi l-familji tagħna f'Ħal Qormi baqgħu u għadhom isofru u jbatu mil-problema ta' għargħar, specjalment meta tagħmel xi maltempata kbira.

Għalhekk qed nipproponu sabiex jiżdiedu l-culverts madwar Ħal Qormi kollu, u dan skond il-lista hawn annessa bħala document "B".

Illi din il-lista qed saret wara diversi konsultazzjonijiet mar-residenti tagħna kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill.

Illi għalhekk qed nippronónu s-somma ta' erbgħa mija u hamsin elf Euro (EUR 450,000), sabiex isir dan il-proġett, liema proġett ghandu jsir fuq bażi ta' tlett snin.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara u l-kunsillier Carmel Cuschieri** ssekondaw il-mozzjoni.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** qal li fis-sena 2019 kienet tressqet talba għal rainwater culvert fi Triq il-Ġunġlien. Il-Kunsillier Carmel Cuschieri spjega li għandu jsir studju dwar fejn qed imorru l-katusi tar-rain water culvert eżistenti fi Triq Correa ma Triq Mifsud Ellul, biex il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra din it-talba.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa x'fejn se jkunu qed jintużaw għa dan il-proġett. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma dan il-proġett ambizzjuż se jkun qed isir kollu mill-fondi tal-Kunsill u kien għalhekk li l-ispiża tqassmet fuq tlett snin.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa jekk dan il-proġett ġiex instigat mill-maltempata li seħħet fil-25 ta' Novembru. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li dan l-eżerċizzju ilu jiġi studjat mis-Sajf u m'għandu l-ebda konnessjoni mal-maltempata li seħħet f'dawn l-aħħar jiem, biss ħareġ ċar il-ħtieġa ta' dawn il-water culverts.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata**

**37.4.6 Mozzjoni Nru 97 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Peress illi l-kumpaniji li kienu għamlu l-proġett ta' **Center Park** kienu allokaw is-somma ta' tlett mija u ħamsa u sittin elf Euro (EUR 365,000), sabiex jiġu allokati għal diversi proġetti fil-lokalita' tagħna.

Għal dan il-għan qed jiġi hawn anness bħala immakrat bħala dok "C" l-*Memorandum of Understanding* li ġie ppreżentat u ffirmat mir-rappreżentanti tal-kumpaniji konċernati, liema flejjes ser jintużaw ghar-restawr tal-Mitħna fi Triq il-Mitħna, kif ukoll għar-rinnovar ta' Ġnien Tumas Fenech u għar-rinnovar tal-Ġnien fiz-zona ta' Fuq tal-Blat.

Għal dan il-għan qed tiġi mitluba l-approvazzjoni sabiex is-Sindku u s-Segretarju

Eżekuttiv, ikunu jistgħu huma wkoll jiffirmaw dan il-*Memorandum of Understanding.*

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Kunsillier Ralph Puli ġibed l-attenzjoni dwar min se jkun qed jirċievi l-invoices. Is-Sindku qal li dan il-punt ġie diskuss mal-Management u kien hemm qbil li l-invoices jiġu ppreżentati direttament lil Center Park.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li dawn il-flejjes huma apprezzati, biss ma jiġġustifikawx il-ħażin li sar forsi sar fil-passat.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.**

**37.5 Quarterly Financial Report 3 (Jul-Sept 2021)**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-Mejda Quarterly Financial Report għax-xhur Lulju – Settembru 2021.

Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

**37.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta 20 ta' Diċembru 2021.**

Konfermati, illum 27 ta' Dicembru 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |